MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 240/2006

**A.**

**-vs-**

**B, C, u kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta’ Settembru, 2006 li permezz tiegħu A esponiet bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti hija miżżewġa lill-intimat B iżda bħalissa tinsab għaddejja minn proċeduri ta’ separazzjoni personali;

2. Illi l-minuri X, rappresentat f’dawn il-proċeduri permezz ta’ kuraturi deputati, twieled fil-ħdax ta’ Marzu

tas-sena elfejn u sitta (11/03/2006) kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument A;

3. Illi għalkemm fiċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi ġie dikjarat illi missier tat-tarbija huwa l-intimat B pero’ di fatti ma hux;

4. Illlli fil-fatt il-minuri X ġie konċepit minn relazzjoni li l-attriċi kellha ma’ terzi u cioe’ ma’ l-intimat C;

5. Illi s-suespost ġie stabbilit permezz ta’ testijiet ġenetiċi appożiti u r-riżultat ta’ dawna t-testijiet jinsab hawn anness u mmarkat bħala Dokument B;

6. Illi r-rikorrenti għandha interess illi jiġi dikjarat li t-tarbija X ma hijiex il-wild naturali u bioloġiku ta’ l-intimat B iżda ta’ l-intimat l-ieħor C;

7. Illi jeħtieġ illi jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lir-rikorrenti fil-ħdax ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (11/03/06) bl-isem ta’ X, ma hijiex il-wild naturali u bioloġiku ta’ l-intimat B iżda ta’ l-intimat C.

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar u jikkanċella miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri X (Att Numru 934 tal-2006), l-isem u d-dettalji ta’ l-intimat B kull fejn jirrikorri u minflok iniżżel l-isem u d-dettalji ta’ l-intimat C.

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar u jikkanċella miċ-ċertifikat tat-twelid tal-

minuri X (Att Numru 934 tal-2006), il-kliem "*the said*" mid-dettalji ta' l-omm u cioe' ir-rikorrenti A.

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar u jikkanċella miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri X (Att Numru 934 tal-2006), il-kunjom "Cachia" mid-dettalji ta' l-isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa, u minflok iniżżel il-kunjom "C".

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma nġunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-6 ta' Settembu, 2006 li permezz tagħha l-kuraturi esponew bir-rispett;

1. Illi b'digriet tal-11 ta' Awwissu, 2006, huma ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-minuri X.

2. Illi huma għad ma kellhomx żmien biżżejjed biex jiksbu aktar informazzjoni fuq dan il-każ u għalhekk m'humiex
edotti mill-fatti tal-każ odjern.

3. Illi għalhekk huma jirriżerva li jeċċepixxu ulterjorment.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-2 ta' Ottubru, 2006 li permezz tagħha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jeħtieġ illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fiżika bejn il-konjuġi l-intimat B u r-rikorrenti stess A.

3. Illi jeħtieġ li r-rikorrenti tispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-intimat C sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqgħu dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Għaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruħu għall-provi dwar il-mertu għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits ta' l-attur, ta' omissis.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ottubru, 2006.

Rat id-dokument esebit mill-attriċi a fol 5 tal-proċess u cioe' ir-riżultanzi ta' test xjentifiku (DNA) illi jindika li l-konvenut Muscat huwa fil-fatt missier il-minuri msemmi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha fiż-żmien li kienet miżżewġa iżda de facto separata mal-

konvenut żewġha l-minuri ma kinitx tiegħu iżda ta' l-imsemmi C li miegħu għandha relazzjoni. Il-konvenuti l-oħra u cioe' C u D huma kontumaċji. L-attriċi xehdet li hija telqet mid-dar konjugali f'Ġunju 2005 u ftit wara bdiet relazzjoni ma' D u fil-perjodu in kwistjoni kellha relazzjoni sesswali miegħu biss. Peress li hi u żewġha għadhom mhux legalment separati t-tarbija tniżżel bħala iben żewġha. Ikkonferma dan il-bil-ġurament l-istess D.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment*

*hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża *multa magis* minħabba t-test tad-DNA illi ġie debitament maħluf f'*seduta stante* fit-30 ta' Marzu, 2007.

Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u għalhekk;

1. tiddikjara li l-minuri X li twieled fil-11 ta' Marzu, 2006 m'huwiex il-wild naturali tal-konvenut B iżda tal-konvenut C;

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex ineħħi l-konnotati u riferenza tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex ineħħi l-konnotati u riferenza tal-konvenut B miċ-ċertifikat tat-twelid numru 934 tas-sena 2006 u minfloku jdħaħħal dawk tal-konvenut C fi

żmien għaxart ijiem minn meta l-istess D jew l-attriċi jinnotifikaw permezz ta’ nota fl-atti ta’ din il-kawża bid-dettalji personali ta’ l-istess D li huma neċessarji biex issir il-korrezzjoni.

L-ispejjeż tal-kawż għandhom jitħallsu mill-attriċi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------